

**Brussell, 18 ta' Novembru 2020
(OR. en)**

12848/20

**COHOM 85
COPS 396
CFSP/PESC 987
RELEX 884
CONUN 206
COSCE 12
DEVGEN 168
FREMP 119
JAI 976**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill
	– Pjan ta' Azzjoni tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 anness, kif maqbula mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020 permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024

1. Illum, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija qed jiġu kkontestati u qed jitqajmu dubji dwarhom. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jadotta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020 – 2024, kif jinsab fl-Anness. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024", u jieħu nota tal-Proposta Konġunta għal "Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Kunsill Ewropew dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tidentifika l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni li għandhom jiġu segwiti permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024", ippreżentata mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea fil-25 ta' Marzu 2020.
2. B'dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-Unjoni Ewropea biex tkompli tmexxi 'l quddiem il-valuri universali għal kulħadd. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ser ikomplu jirfdu l-aspetti kollha tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni Ewropea.
3. L-istampa globali tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija hija mħallta. Filwaqt li saru passi kbar 'il quddiem, iridu jiġu indirizzati r-reżistenza għall-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, l-għeluq tal-ispazju ċiviku u r-rigress fil-qasam tad-demokrazija. Jinħolqu wkoll opportunitajiet u riskji ġodda, b'mod partikolari dawk marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi u l-isfidi ambjentali globali.

4. Is-sitwazzjonijiet ta' kriżi huma test partikolari għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett tal-valuri demokratiċi. Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha qed ikollhom impatt negattiv dejjem akbar fuq id-drittijiet kollha tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, qed iżidu l-inugwaljanzi preeżistenti u qed iżidu l-pressjoni fuq persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-investment fid-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huwa essenzjali biex jinkisbu soċjetajiet aktar ġusti, aktar ekoloġiċi, aktar reżiljenti u inklużivi. Il-Kunsill jissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt, kif ukoll approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, ser jibqgħu fil-qalba tar-reazzjoni tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha. L-UE timpenja ruħha li tiżgura li r-reazzjoni tagħna tappoġġa d-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem ta' kulħadd mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni. Ħadd ma għandu jitħalla l-art, l-ebda dritt tal-bniedem ma għandu jiġi injorat.
5. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 jistabbilixxi l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet tal-UE għal azzjoni konkreta għall-ħames snin li ġejjin fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni.
6. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw il-firxa sħiħa ta' strumenti tagħhom, fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna, biex jiffukaw u jsaħħu aktar it-tmexxija globali tal-UE fil-prijoritajiet ġenerali li ġejjin: il-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-individwi; il-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi; il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; l-isfruttament tal-opportunitajiet u l-indirizzar tal-isfidi tat-teknoloġiji l-ġodda; il-kisba ta' riżultati permezz tal-kollaborazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni. Soċjetà ċivili indipendenti, spazju ċiviku abilitanti u l-appoġġ u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma elementi essenzjali biex jinkisbu dawn il-prijoritajiet.

7. L-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni teħtieġ l-azzjoni kkoordinata tal-atturi u l-partijiet ikkonċernati kollha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' t-tmexxija tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà fil-promozzjoni ta' implimentazzjoni konsistenti u koerenti tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-Kunsill jagħraf il-ħidma vitali tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u jilqa' r-rwol ċentrali tiegħu fil-gwida tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2020 - 2024.
8. Id-Delegazzjonijiet u l-Uffiċċji tal-UE, flimkien mal-Ambaxxati tal-Istati Membri, ser ikunu minn ta' quddiem fil-kisba tal-oġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni. L-UE ser taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi oħra, u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ser ikunu msieħba importanti u ser jiġu kkonsultati tul l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill ser jiżgura segwitu effettiv u jissorvelja l-progress fuq bażi regolari. Il-Kunsill jistieden lis-sħab kollha jaħdmu flimkien biex jikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja.

**PJAN TA' AZZJONI TAL-UE DWAR ID-DRITTIJET TAL-BNIEDEM U
D-DEMOKRAZIJA 2020-2024**

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija 2020 - 2024 jistabbilixxi l-livell ta' ambizzjoni u jiddefinixxi l-prioritajiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi kollha. Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ser jiġu promossi b'mod konsistenti u koerenti fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tal-UE (eż. il-kummerċ, l-ambjent, l-iżvilupp, il-ġlieda kontra t-terroriżmu). L-iżgurar tal-koerenza tal-politiki interni u esterni tal-UE jibqa' importanti ħafna. It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 turi l-importanza tal-multilateraliżmu, il-kooperazzjoni globali u s-solidarjetà. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt, kif ukoll approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għandhom jibqgħu fil-qalba tar-rispons għall-pandemija u l-appoġġ għall-irkupru globali. Il-Pjan ta' Azzjoni ser jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

L-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni teħtieġ **azzjoni koordinata** mill-UE u l-Istati Membri, filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli u l-kompetenzi istituzzjonali distinti: ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President (RGħ/VP), assistit mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Istati Membri. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE) ser jibqa' attur politiku ewlieni u jkollu rwol ċentrali biex jiggwida l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni sabiex jinkiseb progress sostenibbli. Il-Parlament Ewropew għandu rwol u importanza distinti biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

Il-pjan ta' azzjoni jistipula prioritajiet u objettivi ġenerali li ser jiġu tradotti u implimentati fil-ħames snin li ġejjin fil-livelli kollha: nazzjonali, reġjonali u multilaterali. F'termini operattivi, il-**ħames linji ta' azzjoni** ser jiġu implimentati fuq il-post fil-pajjiżi sħab. Ser tiġi applikata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri biex jiġi żgurat li l-miżuri kollha ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni jkunu reattivi għall-kwistjonijiet tal-ġeneru.

Aktar minn 140 **Delegazzjoni u Uffiċċju tal-UE** madwar id-dinja u **Ambaxxata tal-Istati Membri** ser ikunu fuq quddiem nett fl-implimentazzjoni, billi jadattaw il-prijoritajiet u l-oġettivi għaċ-ċirkostanzi lokali u jirrappurtaw dwar ir-riżultati. Fil-kuntest tal-qafas stabbilit mill-Pjan ta' Azzjoni, id-Delegazzjonijiet tal-UE ser jaħdmu mal-Istati Membri biex jiddefinixxu prijoritajiet konkreti fil-pajjiżi fejn joperaw għal perijodu ta' ħames snin; din il-ħidma ser tkun appoġġata b'**riżorsi finanzjarji u politiċi sodi**. Il-programmi u l-proġetti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali, u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) ser jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi.

L-ilħuq tal-oġettivi ser jirrikjedi l-użu sistematiku u koordinat tal-**firxa sħiħa ta' strumenti** għad-dispożizzjoni tal-UE, inkluż:

- **djalogi politiċi, djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar il-politika settorjali** ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali;
- **I-istrateġiji** tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;
- **Konklużjonijiet** tal-Kunsill;
- missjonijiet ta' djalogu u ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-**iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SGP)** tal-UE;
- programmi tematiċi u ġeografiċi taħt il-**qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027**, b'mod partikolari l-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (l-arranġamenti speċifiċi tal-proġetti u tal-programmi ser jiddependu mill-kuntest);
- azzjonijiet **f'fora multilaterali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem**: riżoluzzjonijiet tematiċi u ġeografiċi mmexxija mill-UE li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, appoġġ għal riżoluzzjonijiet rilevanti oħra, dikjarazzjonijiet u interventi tal-UE, parteċipazzjoni fi djalogi interattivi, dibattiti pubbliċi u laqgħat ta' informazzjoni, avvenimenti li jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

- **diskorsi** favur id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija: attivitajiet ta' **diplomazija pubblika u ta' komunikazzjoni strateġika**, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, dikjarazzjonijiet pubbliċi u *démarches* li jikkundannaw il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u r-rikonoxximent tal-passi li jittieħdu favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;
- il-promozzjoni għar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' trattati internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi konvenzjonijiet ewlenin dwar id-drittijiet tax-xogħol, strumenti prinċipali tad-dritt umanitarju internazzjonali, kif ukoll strumenti reġjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- osservazzjoni tal-**proċessi** tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u appoġġ dirett għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
- it-13-il **linja gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem**¹ – strumenti u għodod għad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri biex imexxu 'l quddiem il-politiki tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- **missjonijiet elettorali** u s-segwitu tagħhom;
- **djalogu** regolari mas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, is-settur tan-negozju u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
- kooperazzjoni ma' **istituzzjonijiet multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem u korpi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tat-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Proċeduri Speċjali**;
- miżuri **restrittivi**;
- sessjonijiet ta' **taħriġ** immirat għall-persunal tal-UE fid-Delegazzjonijiet.

¹ https://eeas.europa.eu/generic-warning-system-taxonomy/404_en/8441/Human%20Rights%20Guidelines.

1. PROTEZZJONI U AWTONOMIZZAZZJONI TAL-INDIVIDWI

Il-protezzjoni u l-awtonomizzazzjoni tal-individwi tresser li jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jgawdi bis-sħiħ id-drittijiet ċivili u politiċi, kif ukoll id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

L-awtonomizzazzjoni ta' kulħadd ("ħadd ma jitħalla jibqa' lura") jinvolve li kulħadd ikun jista' jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu bħala membru uguali u attiv tas-soċjetà. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma l-pedament tal-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà u l-fiduċja, kemm bejn l-istat u ċ-ċittadini, kif ukoll fost iċ-ċittadini. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tan-nisa u tal-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni.

1.1 Protezzjoni tan-nies, eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, tad-diskriminazzjoni u tal-esklużjoni

- a. Issir hídma biex titneħħa l-piena tal-mewt madwar id-dinja. F'pajjiżi fejn għadha teżisti l-piena tal-mewt, issir insidenza fuq ir-rispett ta' standards minimi u ssir hídma favur moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni.
- b. Isir sforz biex it-tortura u t-trattament jew il-kastig krudili, inuman jew degradanti jinqerdu fuq livell dinji permezz tal-prevenzjoni, il-projbizzjoni, ir-responsabbiltà u r-rimedju għall-vittmi, inkluż bil-promozzjoni tal-Alleanza għal Kummerċ Liberu mit-Torturi. Jiġi appoġġat il-monitoraġġ indipendenti tal-ħabsijiet u postijiet oħra ta' ċaħda tal-libertà.

- c. Jingħata appoġġ u protezzjoni lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u r-rappreżentanti legali tagħhom, u jiġi indirizzat l-impatt tal-ħidma tagħhom fuq il-familji tagħhom. Tiġi żgurata assistenza permezz tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Jittieħed kont tar-riskju partikolari li jiffaċċjaw ċerti difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż DDB nisa u DDB ambjentali. Issir ħidma biex jiġi żgurat rikonoxximent pożittiv tar-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha, inkluż billi jiġi espress pubblikament appoġġ għall-ħidma tagħhom. Tiġi żgurata l-viżibbiltà, jiġu appoġġati l-attivitajiet u jiġu indirizzati każijiet individwali relatati fost l-oħrajn mad-drittijiet leġittimi tad-dominju tal-art, id-drittijiet tal-ħaddiema, ir-riżorsi naturali, il-kwistjonijiet ambjentali, id-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, id-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, it-tibdil fil-klima, u dawk li jirriżultaw minn abbużi korporattivi.
- d. Jissaħħu l-isforzi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili f'konflitti armati, inkluż l-infrastruttura ċivili u umanitarja, u ssir ħidma għall-implimentazzjoni u d-disseminazzjoni ulterjuri tad-dritt umanitarju internazzjonali, fost l-oħrajn permezz ta' kooperazzjoni ma' atturi reġjonali u nazzjonali.
- e. Tiżdied l-azzjoni għall-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, b'attenzjoni speċifika għal forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni inkluż abbażi ta' sess, razza, kulur, orġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru.
- f. Tħeġġiġ tal-istati kollha biex jirrispettaw, jiproteġu u jiggarrantixxu d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inkluż minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi f'konformità man-normi u l-istandards internazzjonali applikabbli.
- g. Jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prassi u ta' taġlimiet meħuda ma' pajjiżi sħab rigward strateġiji u politiki dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.
- h. Tiżdied l-azzjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, intolleranza, vjolenza u persekuzzjoni kontra persuni abbażi tal-eżerċizzju tagħhom tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u r-reliġjon jew it-twemmin.

- i. Tiżdied l-azzjoni biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jiġu żgurati r-rikonoxximent sħiħ, u t-tgawdija ugwali u sħiħa tad-drittijiet kollha tal-bniedem min-nisa u l-bniet kollha u l-awtonomizzazzjoni tagħhom, ħielsa minn kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluż forom multipli u trasversali ta' diskriminazzjoni, filwaqt li jiġi applikat approċċ reattiv għall-kwistjonijiet ta' ġeneru, u b'hekk jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni kollha tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri kif approvati mill-Kunsill.
- j. Issir promozzjoni favur l-eliminazzjoni, il-prevenzjoni u l-protezzjoni minn kull forma ta' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, inkluż normi soċjali u Prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-infanticidi femminili, u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat, u d-diskriminazzjoni. Issir kollaborazzjoni ma' atturi internazzjonali ewlenin, bħall-Kunsill tal-Ewropa biex jiġi żgurat ir-rispett universali għall-obbligi tal-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet li tirriżulta minn strumenti internazzjonali. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa, li ġiet ratifikata minn 21 Stat Membru tal-UE, tiddefinixxi sett ta' standards għall-prevenzjoni tal-vjolenza, il-protezzjoni tal-vittmi u l-iżgurar tar-responsabbiltà għall-awturi, lejn ħajja ħielsa mill-vjolenza għan-nisa u l-bniet kollha. Titmexxa l-Koalizzjoni ta' Azzjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru għall-Forum Ġenerazzjoni Ugwaljanza.
- k. Issir ħidma għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-pjattaforma ta' azzjoni ta' Beijing u l-programm ta' azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp², u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom, u jitkompla l-impenn għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, f'dan il-kuntest³. Jitkompla jiġi affermat mill-ġdid l-impenn għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-garanzija tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jiddeċiedi b'mod ħieles u responsabbli dwarhom, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza. Isir aktar enfasi fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.

² https://www.un.org/en/development/desa/population/migration/generalassembly/docs/globalcompact/A_CONF.177_20.pdf.

³ https://www.consilium.europa.eu/media/24004/european-consensus-on-development-2-june-2017-clean_final.pdf.

- l. J iżdiedu l-azzjonijiet għall-prevenzjoni, id-denunzja u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u fastidju kontra persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneri u Intersesswali (LGBTI), inkluż il-vjolenza, id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTI. Jiġu kundannati u miġġielda b'mod attiv il-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji, inkluż il-kriminalizzazzjoni tar-relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess.
- m. Jiġu promossi aktar ir-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet tat-tfal. Jiġu promossi u implimentati miżuri għall-prevenzjoni, il-ġlieda u r-rispons għall-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal. Tingħata assistenza lill-pajjiżi sħab fil-bini u t-tiżi tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal. Jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' kura alternattiva ta' kwalità u għat-tranżizzjoni minn kura bbażata fuq l-istituzzjonijiet għal waħda ta' kwalità bbażata fuq il-familja u fuq il-komunità għal tfal mingħajr kustodja tal-ġenituri.
- n. Tiġi promossa t-tgawdija tad-drittijiet kollha tal-bniedem minn persuni akbar fl-età f'kull ħin, kif ukoll l-iżgurar ta' soluzzjonijiet adegwati u sostenibbli għall-ħtiġijiet tagħhom.
- o. Jiġi promoss approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jiffoka fuq persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż migranti, refuġjati, persuni li jfittxu ažił, persuni spostati internament u apolidi f'konformità mal-obbligi internazzjonali marbuta mad-drittijiet tal-bniedem skont d-dritt u l-istandards internazzjonali, u permezz ta' oqfsa leġiżlattivi u ta' politika eżistenti. Tissaħħaħ il-kapaċità tal-istati, is-soċjetà ċivili u s-sħab tan-NU biex jimplimentaw dan l-approċċ u jappoġġaw miżuri biex itejbu l-integrazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi tal-UE u dawk nazzjonali.
- p. Jiġu appoġġati miżuri li jindirizzaw ir-riskju għoli u l-impatti serji tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telfien tal-bijodiversità fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tal-bniedem, bħad-drittijiet għall-ħajja, għas-saħħa, għal ilma tax-xorb sikur u s-sanitazzjoni, għall-ikel, għal abitazzjoni u standard tal-għajxien adegwati, inkluż għall-persuni spostati bħala konsegwenza tat-tibdil-fil-klima.

1.2 Awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini

- a. Jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet u jiġu żgurati l-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tagħhom u r-rappreżentanza ugwali fl-isferi kollha tal-ħajja, inkluż billi jiġu eliminati l-isterjotipi tal-ġeneri, u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi strutturali, bħad-distakk diġitali bejn il-ġeneri. Il-miżuri kollha ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, inkluż dawk li għandhom l-għan li jtejbu l-integrazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, huma reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.
- b. Jingħata appoġġ lill-awtoritajiet tal-istati biex jipprovdu identità legali għal kulħadd, b'mod partikolari biex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni universali tat-twelid.
- c. Jiġu promossi, appoġġati u żgurati l-inklużjoni sinifikattiva u l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal u taż-żgħażaġh fid-deċizzjonijiet li jolqtuom fil-livelli kollha, inkluż fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE.
- d. Issir promozzjoni biex il-pajjiżi sħab jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Tingħata assistenza għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakli attitudinali, istituzzjonali u ambjentali. Tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-infrastruttura, it-trasport, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), u jiġu ggarantiti servizzi inklużivi bħall-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim mill-bogħod, il-kura tas-saħħa, il-ġustizzja u l-impjiegi.
- e. Jingħata appoġġ lill-popli indiġeni bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fi proċessi rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-iżvilupp u bil-promozzjoni tal-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat fid-deċizzjonijiet kollha li jaffettwawhom.

1.3 Promozzjoni tal-libertajiet fundamentali u tisħiħ tal-ispazju ċiviku u politiku

- a. Jiġu inkoraġġiti r-rikonoxximent u l-appoġġ għar-rwol essenzjali li għandha s-soċjetà ċivili fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
- b. Jiġi promoss ambjent sikur u abilitanti għas-soċjetà ċivili bħala atturi awtonomi, inkluż appoġġ strateġiku u flessibbli fit-tul għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, reġjonali u dinji. Tiġi kkundannata l-leġiżlazzjoni li tirrestrinġi bla bżonn il-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, il-ħaddiema tal-media, u s-soċjetà ċivili, inkluż proċeduri arbitrarji jew restrizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' finanzjament barrani, u jittieħdu azzjonijiet adatti kontriha.
- c. Jiġu żviluppati għodod għad-detezzjoni u r-rispons għal sinjali bikrija tal-għeluq tal-ispazju ċiviku u r-rigress demokratiku, inkluż l-użu ta' teknoloġiji diġitali u miżuri kontra t-terroriżmu kif ukoll miżuri sproporzjonati imposti taħt stat ta' emerġenza. Jinbena fuq l-aħjar prattika u jiġu appoġġati l-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-għeluq tal-ispazju ċiviku u r-rigress demokratiku, u jiġu żviluppati għodod għall-monitoraġġ u għall-antiċipazzjoni ta' sfidi jew opportunitajiet għall-ispazju ċiviku u demokratiku.
- d. Jiġu protetti u promossi l-libertà tal-espressjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, online u offline, u l-aċċess għall-informazzjoni. Tittieħed azzjoni għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, inkluż bis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, u billi jiġi stimulat dibattitu pubbliku dwar azzjonijiet kontra d-diżinformazzjoni.
- e. Jingħata kontribut għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, inkluż permezz ta' ħidma favur ambjent favorevoli għal-libertà tal-espressjoni u billi jiġu kkundannati l-attakki u forom oħra ta' fastidju u intimidazzjoni kemm online kif ukoll offline, u jiġi indirizzat theddid speċifiku li jiffaċċjaw il-ġurnalisti nisa. Jiġi żgurat li l-vittmi ta' fastidju, intimidazzjoni jew theddid jirċievu assistenza permezz tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Jingħata appoġġ għal inizjattivi medjatiċi u jsiru appelli lill-awtoritajiet tal-istati biex jipprevjenu u jikkundannaw tali vjolenza u jieħdu miżuri effettivi biex tintemm l-impunità.

- f. Jiġi prevenut il-ksur tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u tittieħed azzjoni kontra tali ksur, inkluż fejn dan jaffettwa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-ħaddiema u lil min iħaddem.
- g. Jiġu inkoraġġiti d-djalogu u r-risoluzzjoni paċifika tal-kriżijiet politiċi u tal-protesti tal-massa f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Tinbena l-kapaċità tas-soċjetà ċivili u tal-atturi politiċi biex iwieġbu għall-ilmentar li jiġi espress permezz ta' movimenti ċiviċi spontanji f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Jiġu kkundannati l-intimidazzjoni, it-theddid u l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi.
- h. Jiġi promoss u appoġġat id-dritt għall-individwi kollha li jkollhom reliġjon, li jkollhom twemmin, jew li ma jemmnu. Jiġu protetti d-drittijiet tal-individwi li jimmanifestaw, li jibdlu jew iħallu r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom mingħajr biża' ta' vjolenza, persekuzzjoni, jew diskriminazzjoni. Jiġu kkundannati r-restrizzjonijiet sproporzjonati fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon u tittieħed azzjoni adatta kontribom.
- i. Jiġu appoġġati d-djalogi bejn twemmin differenti u jsir kuntatt ma' atturi reliġjużi u ma' dawk ispirati mit-twemmin u jiġi vvalutat kif dawn jistgħu jiġu involuti fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fil-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u fl-stabbiliment tal-paċi, fil-prevenzjoni ta' konflitti, fir-rikonċiljazzjoni u fil-medjazzjoni, u jinstabu sinerġiji ma' inizjattivi tan-NU li għaddejjin bħalissa.
- j. Jingħata appoġġ għal azzjonijiet li jipproteġu l-libertà akkademika, l-awtonomija tal-istituzzjonijiet edukattivi, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipprovdu tagħlim online u mill-bogħod. Tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem abbażi tal-Programm Dinji għall-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

1.4. Tisħiħ tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u tal-ħaddiema

- a. Tissaħħaħ ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, inkluż it-tibdil fil-klima fl-azzjoni esterna tal-UE. Jingħata appoġġ għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impatt u l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali fuq id-drittijiet tal-bniedem.
- b. Jiġu integrati b'mod effettiv id-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u tax-xogħol fid-djalgi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab, filwaqt li jiġu żgurati sinerġiji ma' konsultazzjonijiet oħra u mal-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+/tal-EBA.
- c. Tiġi promossa politika ta' tolleranza żero rigward it-tħaddim tat-tfal u l-qerda tax-xogħol furzat. Jingħata appoġġ għas-sħubiji fil-livelli kollha, għad-drittijiet tax-xogħol fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE, għall-promozzjoni tad-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista globali u għall-isforzi biex tiġi promossa r-ratifika tal-Protokoll tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat.
- d. Jingħata appoġġ għar-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni u fl-iżgurar tal-konformità mar-regolamenti ambjentali li għandhom l-għan li jiġi żgurat ambjent sikur, nadif, san u sostenibbli, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali fil-livell lokali u skont il-prinċipji ta' governanza tajba, kif ukoll tal-istat tad-dritt, l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika u inklużiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi.
- e. Tingħata assistenza lill-awtoritajiet tal-istati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u politiki u programmi dwar l-ilma, l-ikel, l-art, ir-riżorsi naturali, l-abitazzjoni u l-proprjetà li jsostnu d-drittijiet tal-bniedem.
- f. Jiġi appoġġat l-aċċess universali għal ilma tax-xorb sikur, suffiċjenti u affordabbli, għas-sanità u l-iġjene, u tiġi enfasizzata d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma.
- g. Jitnaqqsu l-inugwaljanzi permezz tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u billi jiġi promoss aċċess nondiskriminatorju għas-servizzi soċjali, inkluż servizzi tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli u edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa, inkluż tagħlim mill-bogħod. Tinbena l-kapaċità tal-prattikanti biex iwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kura tal-persuni kollha f'sitwazzjonijiet vulnerabbli mingħajr ebda tip ta' eċċezzjoni.

- h. Titrawwem il-promozzjoni tas-saħħa u l-aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa preventiva u d-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija tal-ogħla standard tas-saħħa possibbli, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi b'attenzjoni speċjali għal persuni affettwati minn diskriminazzjoni u marġinalizzazzjoni.
- i. Jiġi promoss xogħol deċenti u futur ta' xogħol iċċentrat fuq il-bniedem permezz ta' approċċ aġġornat tal-UE li jiżgura r-rispett għall-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa, u dinja tax-xogħol mingħajr vjolenza u fastidju. Jiġi promoss id-djalogu soċjali kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet u l-protokolli rilevanti tal-ILO. Tissaħħaħ il-ġestjoni responsabbli fil-katini tal-provvista globali u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.
- j. Jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema migranti, inkluż billi jinqerdu l-forom kollha ta' xogħol furzat u sfruttament. Jiġu appoġġati l-ħaddiema migranti f'pajjiżi terzi, speċjalment in-nisa u l-komunitajiet tagħhom biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom, jirrappurtaw, ifittxu ġustizzja u jorganizzaw id-difiża tal-interessi tagħhom.
- k. Jiġi promoss ir-rispett għad-drittijiet kulturali, filwaqt li tiġi żgurata l-espressjoni tad-diversità u tal-identità kulturali u tiġi promossa l-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

1.5 Appoġġ għall-istat tad-dritt u għall-amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja

- a. Jiġi promoss l-istat tad-dritt, jiġi appoġġat it-tiżiż ta' ġudikatura indipendenti u imparzjali, tiġi opposta l-pressjoni esterna kontra l-imħallfin u s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, u jiġi promoss id-dritt għal proċess ġust biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.
- b. Tiġi promossa l-ġustizzja bbażata fuq id-drittijiet u reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, flimkien mal-aċċess għall-ġustizzja u l-assistenza legali, inkluż permezz ta' għajjuna legali u innovazzjoni diġitali, b'enfasi fuq persuni li jgħixu fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.

- c. Jingħata appoġġ biex jiġu stabbiliti jew imsaħħa mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim li jkunu konformi mad-drittijiet tal-bniedem, sabiex titrawwem il-ġustizzja restorattiva u jitnaqqsu l-ostakli legali, prattiċi u oħrajn għall-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- d. Jingħata appoġġ biex jiġu żviluppati sistemi ġudizzjarji adatti għat-tfal għat-tfal kollha li jkunu f'kuntatt mal-liġi u m'caħħda mil-libertà.
- e. Jingħata appoġġ għat-titjib, f'konformità mal-istandards internazzjonali, tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament ta' persuni m'caħħda mil-libertà.

1.6 Eliminazzjoni tad-distakk fl-obbligu ta' rendikont, il-ġlieda kontra l-impunità u l-appoġġ għall-ġustizzja tranżizzjonali

- a. Tiġi stabbilita sistema orizzontali ġdida ta' sanzjonijiet globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem biex jiġu indirizzati ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
- b. Jiġu żviluppati approċċi tal-UE komprensivi li jiżguraw l-obbligu ta' rendikont, b'mod partikolari għar-reati, għall-ksur u għall-abbużi l-aktar serji tad-drittijiet tal-bniedem, u li jikkollegaw l-isforzi nazzjonali u internazzjonali sabiex jappoġġaw lill-vittmi biex isibu rimedji legali, li jibnu fuq il-politiki tal-UE, eż. rigward il-Qorti Kriminali Internazzjonali, it-tfal u l-konflitti armati, in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, is-superstiti ta' vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru fil-kuntest ta' konflitt, il-ġustizzja tranżizzjonali, il-ġlieda kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor.
- c. Tiġi promossa l-implimentazzjoni nazzjonali tal-Istatut ta' Ruma u l-prinċipju tiegħu ta' komplementarjetà, b'mod partikolari billi jsaħħu s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali.
- d. Ikun hemm kollaborazzjoni ma' tribunali kriminali internazzjonali u ibridi u ma' mekkaniżmi tan-NU b'mandat li jappoġġaw il-ġbir, il-konsolidazzjoni, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- e. Jingħata appoġġ lil inizjattivi nazzjonali kontra l-impunità fil-konfront ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u lill-proċessi ta' ġustizzja tranżizzjonali, inkluż billi jissaħħu r-rabtiet man-NU.

- f. Jiġu promossi b'mod attiv miżuri għall-prevenzjoni tal-għajbien sfurzati u l-qtil extraġudizzjarju.
- g. Jiġi promossi l-impenn politiku kontinwu għar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) u l-applikazzjoni tagħha billi jiġu ffaċilitati d-djalogu u l-involviment fil-kuntest tan-NU u bl-applikazzjoni tal-kunċett bħala għodda analitika għal sitwazzjonijiet speċifiċi ta' pajjiż. Tingħata priyorità lill-azzjoni bikrija tal-UE biex jiġu prevenuti atroċitajiet tal-massa.
- h. Jiġu promossi miżuri għall-prevenzjoni u l-qerda sħiħa tat-traffikar tal-bnedmin, inkluż billi tiġi miġġielda l-impunità għall-awturi kollha involuti. Jiġu promossi miżuri li jassistu u jipproteġu lill-vittmi kollha, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, skont il-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, inkluż permezz tal-provvediment ta' appoġġ psikosoċjali u għas-saħħa mentali u approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u sensitiv għat-tfal.

2. BINI TA' SOĊJETAJIET REŻILJENTI, INKLUŻIVI U DEMOKRATIĊI

Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa element essenzjali għal soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi. Tali soċjetajiet huma msejsa fuq istituzzjonijiet trasparenti u responsabbli, parlamenti rappreżentattivi u ċittadini impenjati, u jipprovdu ambjent sikur u abilitanti biex is-soċjetà ċivili u l-media indipendenti jsemmgħu t-tħassib tagħhom, jinfluwenzaw il-politiki, jimmonitorjaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u jżommuhom responsabbli. Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin.

2.1 Tisħiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi, responsabbli u trasparenti

- a. Jingħata appoġġ għas-separazzjoni tas-setgħat, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, l-effiċjenza, il-kwalità u r-responsabbiltà tas-sistema ġudizzjarja u s-salvagwardji konstituzzjonali f'pajjiżi sħab.

- b. Jingħata appoġġ għall-istituzzjonijiet parlamentari biex iżidu l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' sorveljanza u l-funzjonijiet leġislattivi, rappreżentattivi u baġitarji tagħhom, inkluż permezz ta' skambji bejn il-pari biex jiġi żgurat li jiġu osservati proċeduri demokratiċi ġusti u, jekk ikun meħtieġ, li dawn jittejjbu fiż-żmien bejn l-elezzjonijiet.
- c. Jittejjbu l-integrità u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-proċessi elettorali billi jingħata appoġġ għall-osservazzjoni elettorali nazzjonali indipendenti u lin-networks reġjonali u internazzjonali tagħhom, u billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-korpi ta' ġestjoni elettorali u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u jiġu promossi oqfsa leġislattivi inklużivi u l-infurzar effettiv tagħhom.
- d. Jiġi żgurat segwitu sistematiku għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), bl-użu kemm ta' għodod politiċi kif ukoll għodod ta' kooperazzjoni. Jitrawwem approċċ komuni biex jiġi żgurat segwitu fi ħdan il-komunità ta' osservaturi internazzjonali, b'mod partikolari mal-Unjoni Afrikana (UA), l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) u n-NU.
- e. Jissaħħaħ ir-rwol tal-osservazzjoni elettorali tal-UE fl-appoġġ usa' tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija biex jissaħħu objettivi ewlenin oħra tal-politika barranija tal-UE.
- f. Tiġi żviluppata u rfinata l-metodoloġija ta' osservazzjoni elettorali sabiex jiġi mmonitorjat u vvalutat l-użu tal-media soċjali u ta' teknoloġiji diġitali oħra matul il-kampanji elettorali fil-konfront ta' standards internazzjonali, bil-ħsieb tal-preparazzjoni għal tentattivi ta' distorsjoni tal-elezzjonijiet u tittieħed azzjoni antiċipatorja.
- g. Jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika li japplikaw ir-regoli offline dwar l-elezzjonijiet u l-proċessi demokratiċi għall-kuntest online, u tingħata għajjnuna biex jinbnew il-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tagħhom. Issir ħidma li tibni fuq l-isforzi tal-UE f'dan ir-rigward, inkluż il-pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni⁴, il-pakkett elettorali tal-Kummissjoni⁵, il-kodiċi ta' Prattika dwar id-diżinformazzjoni⁶ u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew li jmiss dwar id-Demokrazija u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

⁴ https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/action_plan_against_disinformation.pdf.

⁵ https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/electoral-rights_en#electionsnetwork.

⁶ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/code-practice-disinformation>.

- h. Jiżdiedu l-azzjonijiet b'appoġġ għall-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livell lokali, inkluż permezz ta' appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u l-governanza lokali trasparenti, inklużiva, parteċipattiva u responsabbli.
- i. Tingħata assistenza komprensiva għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' appoġġ għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, għal strateġiji u oqfsa legali effettivi kontra l-korruzzjoni, inkluż rigward il-protezzjoni tal-informaturi u tax-xhieda, il-korpi speċjalizzati, il-parlamenti, il-media indipendenti u s-soċjetà ċivili, u billi jiġu żviluppati linji gwida kontra l-korruzzjoni. Jingħata appoġġ għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni.
- j. Jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jimmonitorjaw u jikkontribwixxu għall-mobilizzazzjoni effettiva, ekwitabbli, trasparenti u responsabbli tar-riżorsi domestiċi u biex jiżguraw li l-politika u l-implimentazzjoni tat-taxxa jiġġieldu kontra l-inugwaljanza, il-flussi finanzjarji illeċiti u jixprunaw l-inklużjoni.
- k. Jingħata appoġġ għal inizzjattivi ta' governanza elettronika sabiex is-settur pubbliku jsir aktar trasparenti u responsabbli u b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fil-gvernijiet.
- l. Jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' riċerka u għarfien ibbażat fuq il-prattika dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija biex jinformaw l-azzjoni u jagħmluha aktar effettiva.

2.2 Promozzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet reattiv, inklużiv, parteċipattiv u rappreżentattiv

- a. Issir ħidma favur il-parteeipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġħ, fid-diversità kollha tagħhom, fl-isferi u l-livelli kollha tal-ħajja pubblika u politika, inkluż billi tiġi promossa l-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' partiti politiċi fejn ikun possibbli li jirbħu siġġijiet u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom bħala kandidati.

- b. Jingħata appoġġ lis-sistemi ta' partiti pluralisti u għall-kapaċitajiet tal-partiti politiċi b'mod mhux partiġġjan, inkluż permezz ta' assistenza fl-applikazzjoni ta' standards internazzjonali dwar il-finanzjament trasparenti tal-partiti, id-demokrazija interna u l-inklużività fl-għażla tal-kandidati u tal-uffiċjali. Tiġi promossa u appoġġata l-adozzjoni tal-liġijiet elettorali u tal-partiti politiċi għal dawn il-finijiet u jiġu promossi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-proċessi elettorali. Jingħata appoġġ biex jiġu żviluppati kodiċijiet ta' kondotta trasversali bejn il-partiti għall-prevenzjoni ta' frodi elettorali u vjolenza elettorali u biex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-parlamenti biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.
- c. Tiżdied il-kapaċità tal-partiti politiċi u tal-aġenziji ta' sorveljanza, speċjalment f'kuntesti affettwati minn konflitti u dawk fi tranżizzjoni. Jingħata appoġġ lill-alleanzi trasversali bejn il-partiti u lid-djalogi multipartitiċi dwar kwistjonijiet ta' politika li huma ta' interess komuni.
- d. Jitrawwem ir-rwol tas-soċjetà ċivili fis-sorveljanza u r-responsabbiltà kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, filwaqt li jiġi promoss l-użu tat-teknoloġiji online f'konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi.
- e. Tiġi promossa trasparenza akbar fil-proċessi demokratiċi, b'mod partikolari fil-finanzjament minn atturi differenti ta' kampanji politiċi u kampanji dwar kwistjonijiet speċifiċi.
- f. Tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva u l-partiċipazzjoni sħiħa ta' kull persuna, mingħajr diskriminazzjoni, fil-ħajja pubblika u politika. L-edukazzjoni ċivika, inkluż permezz tat-tagħlim mill-bogħod u l-azzjoni online tal-litteriżmu medjatiku, għandha tkun immirata b'mod partikolari lejn in-nisa, it-tfal, iż-żgħażaġħ, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, il-popli indiġeni, u persuni oħra li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

2.3 Appoġġ għal media indipendenti u pluralistika, aċċess għall-informazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni

- a. Jingħata appoġġ lil inizzjattivi leġiżlattivi dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-libertà tal-media, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali f'konformità mal-istandards Ewropej u dawk internazzjonali, u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
- b. Jiġu promossi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media online u offline permezz ta' appoġġ għall-kapaċità u s-sostenibbiltà tal-istrumenti tal-media indipendenti u promozzjoni tal-aċċess għal informazzjoni affidabbli, b'mod partikolari matul l-elezzjonijiet. Jingħata appoġġ lill-ġurnaliżmu investigattiv u lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-gvernijiet fir-rigward tal-governanza u l-konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. Jiġu miġġielda t-tentattivi tal-influwenzar u l-eżerċitar ta' pressjoni fuq media indipendenti u pluralistika.
- c. Jiġu promossi l-isforzi kontra d-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, il-kontenut terroristiku u estremist vjolenti, inkluż bit-trawwim tal-litteriżmu medjatiku online u tal-ħiliet diġitali, b'rispett sħiħ għal-libertajiet fundamentali kollha. Tissaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-media indipendenti biex jidentifikaw, jikxfu u jżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Jingħata appoġġ biex il-verifika tal-fatti u r-riċerka jitwettqu b'mod indipendenti u kredibbli u jingħata appoġġ għar-rappurtar investigattiv u l-ġurnaliżmu, inkluż fil-livell lokali. Jingħata appoġġ għal inizzjattivi tas-soċjetà ċivili li jippromwovu informazzjoni affidabbli u media ħielsa.
- d. Jiġi promoss il-prinċipju ta' aċċess miftuħ, sikur, affordabbli, ugwali u nondiskriminatorju għall-internet għal kulħadd. Jiġi miġġieled l-imblukkar tal-aċċess għall-internet, speċjalment fil-kuntest tal-elezzjonijiet u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

2.4 Tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u approċċ parteċipattiv għall-prevenzjoni tal-kunflitti u r-risoluzzjoni tal-kriżijiet.

- a. Jingħata appoġġ għall-inklużjoni sinifikanti taż-żgħażaġħ, b'mod partikolari n-nisa żgħażaġħ u l-atturi ispirati mit-twemmin u għall-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tagħhom fl-isforzi kollha għall-prevenzjoni tal-atroċitajiet u r-risoluzzjoni ta' konflitti, u għall-bini u s-sostenn ta' paċi dejjiema.

- b. Jinbnew il-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-movimenti ċiviċi biex iwettqu monitoraġġ u dokumentazzjoni regolari tal-ksur u l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' konflitti.
- c. Jitkompla t-tiżni tar-rabtiet bejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà, id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima - fejn dan tal-aħħar huwa multiplikatur importanti tat-theddid - fid-djalogi ta' politika, fil-prevenzjoni ta' konflitti, fl-azzjonijiet umanitarji u tal-iżvilupp, kif ukoll fl-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.
- d. Tiġi żgurata l-komplementarjetà u jiġi implimentat b'mod effettiv il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà 2019 – 2024.
- e. Jiġu intensifikati l-isforzi għall-prevenzjoni u t-tmim tal-ksur serju kontra tfal milquta minn konflitti armati u jingħata appoġġ għad-demobilizzazzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni fit-tul inkluż billi tkompli tiġi żviluppata u msaħħa l-koordinazzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti tan-NU.
- f. Tkompli tissaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki u l-azzjonijiet tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tar-rispons għall-kriżijiet, inkluż fl-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u tiġi żgurata ċ-ċentralità tad-drittijiet tal-bniedem fl-aspetti kollha tar-rispons għall-kriżijiet u l-prevenzjoni tal-kunflitti, bħall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, ir-riformi tas-settur tas-sigurtà u l-medjazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tfal u l-kunflitt armat.
- g. Tiġi żviluppata politika ta' diliġenza dovuta tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem biex jiġi żgurat li l-appoġġ tas-settur tas-sigurtà tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, ikun f'konformità mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.
- h. Ikompli jiġu pprovduti moduli ddedikati għad-dritt umanitarju internazzjonali fit-taħriġ tal-forzi armati ta' pajjiżi terzi permezz ta' missjonijiet ta' taħriġ militari tal-UE u wkoll moduli ddedikati għall-protezzjoni tat-tfal fejn rilevanti.

3. PROMOZZJONI TA' SISTEMA GLOBALI GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA

Il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija hija fil-qalba tal-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu. Ir-rispons strateġiku tal-UE għall-ambjent internazzjonali li qed jinbidel huwa li ssaħħa il-koerenza u l-unità tagħha f'fora multilaterali, li twessa' u tapprofondixxi s-sħubiji bilaterali, u li tibni koalizzjonijiet transreġjonali ġodda.

3.1. Kooperazzjoni multilaterali

- a. Jinħoloq network aktar flessibbli u aktar b'saħħtu ta' sħab u jkun hemm parteċipazzjoni fih, inkluż permezz ta' involviment ibbażat fuq kwistjonijiet selettivi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Isir kuntatt ma' sħab ġodda, tingħata prijorità lill-bini ta' koalizzjoni ma' gruppi reġjonali u transreġjonali dwar riżoluzzjonijiet partikolari tad-drittijiet tal-bniedem, u jissaħħu r-rabtiet ma' pajjiżi li jikkondividu l-istess prinċipji.
- b. Ikun hemm involviment fi stadju bikri mal-membri kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar riżoluzzjonijiet tal-pajjiżi u dawk tematiċi, b'mod partikolari ma' dawk li għandhom fehma differenti mill-UE dwar ir-riżoluzzjonijiet speċifiċi.
- c. Tissaħħa il-kooperazzjoni strateġika mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll mal-uffiċċji lokali. Tiġi appoġġata l-indipendenza tal-Uffiċċju fil-promozzjoni u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema kollha tan-NU.
- d. Jissaħħa ir-rwol tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-difiża tar-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Jiġu appoġġati l-effiċjenza u l-effettività tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u jiġu żgurati rabtiet aħjar mal-ħidma tat-Tielet Kumitat tal-AĠNU u sinerġiji ma' fora multilaterali u reġjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem.

- e. Tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'fora multilaterali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jittieħdu azzjonijiet, kemm pubbliċi kif ukoll bilaterali, kontra kwalunkwe rappreżalji relatati mal-involvement man-NU, kemm fuq il-post kif ukoll f'fora multilaterali.
- f. Tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva tas-*Sejħa għal Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem*, immedija mis-Segretarju Ġenerali tan-NU.
- g. Jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem bħala prijorità trasversali fl-implimentazzjoni kontinwa tar-riformi tan-NU, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika mal-Aġenziji tan-NU. Jissaħħu l-ħidma u l-kapaċità tal-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU biex jiżguraw il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
- h. Ikun hemm kollaborazzjoni mal-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, u banek u istituzzjonijiet oħra ta' żvilupp multilaterali u reġjonali biex jiġu promossi l-governanza tajba, ir-responsabbiltà, u t-trasparenza, biex b'hekk jissaħħaħ il-qafas għall-promozzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

3.2 Sħubiji reġjonali

- a. Tissaħħaħ is-sħubija mal-Kunsill tal-Ewropa (inkluż il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), biex jissaħħu l-koerenza u l-komplementarjetà permezz ta' kooperazzjoni partikolari u diversifikata.
- b. Tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali mal-Unjoni Afrikana, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Laqgħa Asja-Ewropa, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika.
- c. Jingħata appoġġ u inkoraġġiment għat-tagħlim bejn il-pari għall-istituzzjonijiet reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-qrati tad-drittijiet tal-bniedem u networks indipendenti tal-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

3.3 Kooperazzjoni bilaterali

- a. Jigū żgurati rabtiet u sinerġiji bejn ir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE (inkluż id-djalogi politiċi, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u dawk dwar il-politika settorjali, il-missjonijiet elettorali, il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tax-xogħol skont is-SPĠ, u l-ħidma dwar id-drittijiet tax-xogħol skont l-FTAs) u l-azzjonijiet tagħha fil-livell multilaterali. Tibqa' tingħata attenzjoni partikolari għas-segwitu.
- b. Jigū identifikati punti ta' azzjoni konkreti għal kull ċiklu ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u ta' konsultazzjonijiet ma' pajjiżi sħab, u jigū żgurati segwitu dwarhom, filwaqt li jittieħed kont partikolari tal-oġġettivi ta' monitoraġġ tas-SĠP+/tal-EBA fid-djalogi ma' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP.
- c. Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika kummerċjali tal-UE, inkluż permezz tas-SĠP u permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-kuntest tal-FTAs. Isir użu mill-potenzjal kollu tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u tkompli ssir promozzjoni għat-trasparenza, is-sensibilizzazzjoni u l-involviment ma' partijiet ikkonċernati.
- d. Isir użu sħiħ mis-sinerġiji bejn id-djalogi politiċi u dawk dwar il-politika settorjali, inkluż dwar l-appoġġ baġitarju, biex jigū promossi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiżi sħab.
- e. Jigū applikati l-prinċipji u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem fil-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali tal-UE; billi tiġi aġġornata l-metodoloġija fis-sett ta' għodod: approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha għall-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp⁷.

3.4 Soċjetà ċivili u Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem

- a. Jiġi approfonditi l-involviment mas-soċjetà ċivili indipendenti u pluralistika u jissaħħaħ l-appoġġ għaliha, inkluż l-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-sħab soċjali, inkluż it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tal-media indipendenti u l-ġurnalisti, l-akkademiċi, il-professjonisti legali, l-atturi ispirati mit-twemmin, u l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja, sabiex jitħares id-dritt tagħhom li jeżerċitaw ir-rwoli tagħhom mingħajr ebda forma ta' intimidazzjoni, diskriminazzjoni jew vjolenza.

⁷ <http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=EN&f=ST%209489%202014%20INIT>.

- b. Jingħata appoġġ lill-istituzzjonijiet u l-kummissjonijiet nazzjonali indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, lill-ombudspersons u lill-korpi tal-ugwaljanza, f'konformità mal-prinċipji ta' Pariġi u ta' Venezja, u jkun hemm kollaborazzjoni magħhom inkluż fil-kuntest tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- c. Jiġu promossi d-djalogi strutturati u regolari bejn l-atturi statali, is-soċjetà ċivili (inkluż is-sħab soċjali) u l-komunità internazzjonali u tibqa' tingħata attenzjoni partikolari għas-segwitu tagħhom.
- d. Jiġu appoġġati u msaħħa s-sħubiji u l-kooperazzjoni fit-tul mal-atturi tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-movimenti soċjali, ukoll billi jsir użu sħiħ mill-opportunitajiet għall-finanzjament ta' organizzazzjonijiet lokali, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija.

3.5 Settur kummerċjali

- a. Jissaħħaħ l-involvement f'fora internazzjonali u ma' pajjiżi sħab biex jiġu promossi u appoġġati b'mod attiv l-isforzi globali għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż bit-trawwim tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali fl-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, jiġu promossi standards rilevanti ta' diliġenza dovuta u ssir hídma fuq qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-UE.
- b. Issir kollaborazzjoni mas-settur kummerċjali dwar ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-miżuri kontra l-korruzzjoni u rigward l-aħjar prattiki dwar imġiba responsabbli fin-negozju, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, id-diliġenza dovuta, l-obbligu ta' rendikont u l-aċċess għal rimedji b'mod parteċipattiv (eż. il-ktajjen ta' provvista, it-tolleranza żero għat-tħaddim tat-tfal).
- c. Jiġu appoġġati l-proċessi ta' diversi partijiet ikkonċernati biex jiġu żviluppati, implimentati u msaħħa l-istandards dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u d-diliġenza dovuta, u jkun hemm involviment mal-banek għall-iżvilupp u mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Jiġu promossi proġetti reġjonali, tagħlim bejn il-pari, skambji ta' prattika tajba u linji gwida u mekkaniżmi rikonoxxuti internazzjonalment, bħal dawk fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali.

- d. Jiġu appoġġati l-ħidma ta' promozzjoni u l-ħidma favur spazji għall-involvement tan-negozji mas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħolqien ta' impjiegi deċenti, l-iżvilupp sostenibbli, u l-intraprenditorija tan-nisa u l-awtonomizzazzjoni ekonomika tul il-katina tal-provvista.
- e. Jiġu żviluppati għodod u materjal ta' taħriġ dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, l-imġiba responsabbli fin-negozju, id-djalogu bejn is-settur privat u dak pubbliku u d-diliġenza dovuta sabiex id-Delegazzjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jżidu l-impenn tagħhom rigward in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem.

3.6 Konformità mad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u mad-dritt umanitarju internazzjonali

- a. Jissaħħu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema tal-korpi tat-trattati tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-mekkaniżmu superviżorju standard tal-ILO.
- b. Tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva ta' mekkaniżmi internazzjonali u reġjonali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami Perjodiku Universali u l-osservazzjonijiet konklużivi tal-korpi tat-trattati tan-NU.
- c. Ikomplu jiġu promossi u appoġġati inizjattivi li jsaħħu l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u li jissalvagwardjaw l-ispazju umanitarju. Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE, kif definiti mill-Kunsill, dwar id-dritt umanitarju internazzjonali u l-ġustizzja kriminali internazzjonali u jissaħħu l-viżibbiltà u l-koerenza tal-azzjoni tal-UE f'dan ir-rigward, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni strateġika u t-trasferiment ta' għarfien.
- d. Jingħata appoġġ lill-Qorti Kriminali Internazzjonali bħala pedament fil-ġlieda kontra l-impunità għar-reati l-aktar serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi u jinbnew networks li jippromwovu l-universalità u l-integrità tal-Istatut ta' Ruma.

4. TEKNOLOĠIJI ĠODDA: SFRUTTAMENT TAL-OPPORTUNITAJIET U INDIRIZZAR TAL-ISFIDI

Id-drittijiet tal-bniedem japplikaw bl-istess mod online u offline. It-teknoloġiji diġitali għandhom ikunu ffokati fuq il-bniedem u konformi mad-drittijiet tal-bniedem. It-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, inkluż billi jagħmlu l-parteċipazzjoni pubblika aktar faċli u aktar effettiva, iżidu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, jiffaċilitaw id-dokumentazzjoni tal-ksur u l-abbużi, u jappoġġaw l-attiviżmu online. Madankollu, dawn it-teknoloġiji jista' jkollhom ukoll impatt negattiv, bħat-tixrid tad-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda, li jippermettu forom ġodda ta' vjolenza, ksur tad-dritt għall-privatezza u abbużi ta' dan id-dritt, l-iffaċilitar tal-aċċess għal kontenut illegali speċifiku inkluż l-isfruttament tat-tfal, is-sorveljanza mifruxa li tillimita l-libertà tal-espressjoni u tnaqqas l-ispazju tas-soċjetà ċivili, u t-tisħiħ tad-diskriminazzjoni u ta' inugwaljanzi strutturali. Dan l-impatt negattiv possibbli għandu jiġi evitat u miġġieled.

4.1 Tisħiħ tal-kapaċitajiet u monitoraġġ effettiv

- a. Ikun hemm kollaborazzjoni mal-gvernijiet, l-istituzzjonijiet multilaterali, inkluż l-aġenziji tan-NU, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-esperti biex jiġu kondiviżi l-analiżi u l-aħjar prattiki u jiġu approvati azzjonijiet, fejn ikun xieraq, b'rabta ma' kif għandhom jiġu infurzati l-oqfsa tad-drittijiet tal-bniedem u tiġi appoġġata d-demokrazija fl-era diġitali.
- b. Jiġi pprovdut tisħiħ tal-kapaċitajiet u appoġġ ieħor lill-awtoritajiet nazzjonali biex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jimplementaw b'mod effettiv l-istandards internazzjonali rilevanti fl-ispazju online (eż. il-protezzjoni tat-tfal, il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda) u jiġu involuti xjentisti tad-data u esperti rilevanti oħra għal dak il-għan. Sabiex jiġi evitati lakuni fil-protezzjoni, il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali dwar kwistjonijiet diġitali għandhom jirriflettu d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.
- c. Jiġu promossi diskussjonijiet u azzjonijiet li jimmassimizzaw l-opportunitajiet tat-teknoloġiji l-ġodda, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA), filwaqt li tinżamm il-viġilanza rigward ir-riskji li dawn jistgħu jgħaddu għad-drittijiet tal-bniedem u għad-demokraziji, fil-livell internazzjonali u dak nazzjonali.

- d. Isir skambju tal-aħjar prattiki u tat-tagħlimiet meħuda rigward il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, il-kontenut estremist u terroristiku, inkluż permezz tal-litteriżmu medjatiku online u l-ħiliet diġitali filwaqt li jitħarsu l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Ikun hemm komunikazzjoni ma' pjattaformi online inkluż mal-media soċjali, u l-media diġitali dwar l-importanza li jiġu żviluppati approċċi awtoregulatorji għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online u l-importanza ta' aktar antiċipazzjoni f'dan ir-rigward, billi jiġu żviluppati standards ta' responsabbiltà u trasparenza li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.
- e. Jiġu eżaminati approċċi regulatorji u mhux regulatorji għall-ICT f'pajjiżi terzi rigward il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Jitrawmu skambji internazzjonali tal-aħjar prattiki dwar regolamentazzjoni tat-teknoloġija li hija konformi mad-drittijiet tal-bniedem.
- f. Jissaħħu l-iskambji u jiġi żviluppat taħriġ għall-persunal tal-UE dwar l-użu eżistenti u futur tat-teknoloġiji diġitali u tal-IA, dwar l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-proċessi demokratiċi f'pajjiżi terzi, u dwar kif l-UE tista' tnaqqas ir-riskji u tibbenefika mill-opportunitajiet.

4.2 Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fl-użu tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali

- a. Jingħata appoġġ għall-iżvilupp, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-oqfsa rilevanti u l-istandards internazzjonali li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-ambjent diġitali, issir konsultazzjoni u jkun hemm kooperazzjoni wiesgħa inkluż ma' kumpaniji tat-teknoloġija, fornituri ta' pjattaformi, l-akkademja u s-soċjetà ċivili. Tiġi promossa d-diliġenza dovuta adegwata (inkluż pjanijiet ta' mitigazzjoni) u l-valutazzjoni effettiva tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem.
- b. Ikun hemm involviment fi proċessi b'diversi partijiet ikkonċernati li jiffokaw fuq id-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-oqfsa online inkluż permezz ta' ħidma għal promozzjoni aktar attiva tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija minn kumpaniji tat-teknoloġija fis-servizzi u l-operazzjonijiet tagħhom.

- c. Jiġi protett id-dritt tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, inkluż fil-kuntest tal-ispazju diġitali u fir-rigward tal-aċċess u l-kontroll sproporzjonati tal-gvernijiet. Tiġi promossa l-konverġenza lejn livell għoli ta' protezzjoni li tqis eżempji pożittivi, bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Tiġi promossa l-aċċess għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tad-Data.
- d. Tiġi promossa l-azzjoni tal-UE, u jiġu appoġġati l-isforzi globali u reġjonali biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv, u l-prinċipji demokratiċi fir-riċerka, id-disinn, l-iżvilupp, il-varar, l-evalwazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda inkluż l-intelliġenza artifiċjali, fuq il-bażi tal-approċċ li qed jiġi żviluppat mill-UE stess dwar l-intelliġenza artifiċjali etika⁸.
- e. Jiġi promoss internet miftuħ, liberu u sigur, inkluż billi jiġi mmonitorjat l-imblukkar tal-aċċess għall-internet, iċ-ċensura online u l-prattiki diġitali bħal dawk li jwasslu għal sorveljanza arbitrarja tal-massa filwaqt li jiġu appoġġati l-isforzi għall-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu fl-ambjent online. Jiġu intensifikati l-isforzi biex jinkisbu l-benefiċċji ta' teknoloġiji ġodda għas-soċjetà ċivili, inkluż b'attenzjoni partikolari fuq il-mitigazzjoni tar-riskji għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti.
- f. Tiġi promossa l-aċċessibbiltà tat-teknoloġiji għal kulħadd, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, sa mill-istadju tat-tfassil ta' teknoloġiji ġodda, fis-setturi kollha, inkluż fl-edukazzjoni.
- g. Jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-użu tat-teknoloġija fil-proċessi ġudizzjarji inkluż permezz ta' aċċess legali għal materjal elettroniku li jikkostitwixxi evidenza, mekkaniżmi robusti tas-sigurtà tad-data u skrutinju pubbliku effettiv tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja elettronika.

⁸ Ara l-White Paper tal-Kummissjoni dwar "l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja", COM(2020) 65 final tad-19.2.2020

5. KSIB TA' RIŻULTATI PERMEZZ TA' KOLLABORAZZJONI

Dan il-pjan ta' azzjoni jippermetti lill-UE twieġeb għall-isfidi emerġenti permezz ta' azzjoni ffokata u sforzi koordinati u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tiegħu għandu jkun soġġett għal dialoġu wiesa' mal-partijiet ikkonċernati. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri ser jaħdmu flimkien biex jimplimentawh f'approċċ konġunt kull wieħed skont il-kompetenzi tiegħu skont it-Trattati, u bi skambju ta' prattiki tajbin u ta' għarfien. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE) huwa attur politiku ewlieni u ser ikollu rwol ċentrali biex jiggwida l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni sabiex jinkiseb progress sostenibbli. Il-Parlament Ewropew għandu rwol u importanza distinti fil-kontribuzzjoni għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fl-appoġġ għad-demokrazija. Id-Delegazzjonijiet u l-Uffiċċji tal-UE, il-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK u l-Ambaxxati tal-Istati Membri ser ikollhom rwol ewlieni fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fl-appoġġ għad-demokrazija, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili globali, dawk ibbażati fl-UE u dawk nazzjonali huma wkoll sħab ewlenin.

5.1 Diplomazija pubblika u komunikazzjoni strateġika

- a. Jinbnew networks effettivi tal-media soċjali għal involviment aktar profond u kondiviżjoni tal-kontenut sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi xprunata l-bidla fl-opinjoni.
- b. Issir komunikazzjoni dwar politiki u inizzjattivi rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-perċezzjonijiet pubbliċi u l-lingwi lokali, b'approċċ tematiku stil ta' kampanja.
- c. Jiġu identifikati mezzi biex titkejjel l-effettività tad-diplomazija pubblika u tal-kampanji, u jiġu żviluppati l-kontenuti u l-kanali li l-aktar irnexxew għall-interazzjoni mal-pubbliku.
- d. Jiġu identifikati u jkomplu jiġu promossi inizzjattivi bħall-"Good human rights stories" u jiġi sfruttat il-potenzjal tagħhom sabiex jiġu ffaċilitati aktar bidliet pożittivi fuq il-post rigward id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

5.2. Implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni

Il-mezzi li għejjin ser jintużaw biex jiġu implimentati l-azzjonijiet li jinsabu f'dan il-Pjan ta' Azzjoni:

djalogi politiċi; djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem; djalogi dwar il-politika settorjali; missjonijiet ta' monitoraġġ SĠP+/"kollox ħlief armi" (EBA); missjonijiet elettorali u s-segwitu tagħhom; missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK); użu tal-linji gwida rilevanti tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem b'għodod speċifiċi biex jinkisbu l-oġettivi tematiċi; konklużjonijiet tal-Kunsill; riżoluzzjonijiet fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u t-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU); strumenti finanzjarji tematiċi u ġeografiċi (programmi u proġetti rilevanti); appoġġ flessibbli għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; appoġġ immirat għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; monitoraġġ ta' proċessi; promozzjoni għar-ratifika u l-implimentazzjoni tat-trattati prinċipali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, l-istrumenti ewlenin tad-dritt umanitarju internazzjonali, u konvenzjonijiet rilevanti oħra u protokolli fakultattivi; dikjarazzjonijiet dwar l-abbużi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; sessjonijiet ta' taħriġ immirat għall-persunal tal-UE fid-Delegazzjonijiet; diplomazija pubblika u kampanji mmirati, konferenzi u avvenimenti oħra; dialogu mas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra; miżuri restrittivi.

Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja

Skeda: Kull sena, minn Ġunju 2021

- a. Jiġi segwit il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni, u l-implimentazzjoni fil-ħin tal-miżuri li jinsabu fih, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-parti tematika tar-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja. Tiġi aġġustata l-istruttura tar-rapport biex ikun jirrifletti l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet prijoritarji u jingħata qafas għall-monitoraġġ.

Rieżami ta' nofs it-terminu

Skeda: Ġunju 2023

- b. Jitwettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni bl-involviment tal-Istati Membri u tas-soċjetà ċivili, u r-riżultati jintużaw bħala kontribut għall-pjan ta' azzjoni futur dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

Evalwazzjoni ta' tmiem it-terminu

Skeda: Ġunju 2025

- c. Titwettaq evalwazzjoni ta' tmiem it-terminu tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, bl-involviment tal-Istati Membri u tas-soċjetà ċivili.

Implimentazzjoni u Monitoraġġ mal-Istati Membri tal-UE

Skeda: Matul l-implimentazzjoni

- d. Jiġu organizzati skambji regolari ta' fehmiet fil-Kunsill dwar l-aħjar prattiki kif ukoll diskussjonijiet annwali dwar il-progress, il-pjanijiet u l-prijoritajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, fost oħrajn fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-eżiti ta' dawn id-diskussjonijiet ser jintużaw bħala kontributi għall-pjan ta' azzjoni futur tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

Linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Skeda: Skont il-bżonn

- e. Isir rieżami tal-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, jekk u meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-UE rigward id-Djalogi ma' pajjiżi terzi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Strateġiji tal-Pajjiżi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

Skeda: Bidu tal-2021

- f. Jiġi żgurat li l-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, żviluppata lokalment mid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE, ikunu jirriflettu l-azzjonijiet ta' prijarità tal-pjan ta' azzjoni, b'kont meħud tal-kuntest speċifiku tal-pajjiż.

Parlament Ewropew

Skeda: Matul l-implimentazzjoni

- g. Isir segwitu għar-riżoluzzjonijiet u d-dibattiti tal-Parlament Ewropew li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

Konsultazzjoni mas-Soċjetà Ċivili

Skeda: Kull sena, minn Ġunju 2021

- h. Ikun hemm involviment regolari mas-soċjetà ċivili dwar l-implimentazzjoni ġenerali tal-pjan ta' azzjoni u jiġu organizzati konsultazzjonijiet annwali speċifiċi.

Metodoloġija ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet

Skeda: 2024

- i. Jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tas-sett ta' għodod aġġornat: approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha fil-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, billi jiġi applikat għall-programmi kollha tal-azzjoni esterna tal-UE u jiġu żviluppata aktar l-inizjattivi konġunti tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet mal-Istati Membri, inkluż permezz ta' programmazzjoni konġunta.